# MARTIN FINGER SHIELD™ SISTEMA TAL-BIEB TAL-GARAXX

FINGER SHIELD™ MARTIN

# MANWAL TA' L-ISTRUZZJONIJIET

## (BIBIEN TA' L-AZZAR, TAR-RAM U TA' L-INJAM)

MARTIN GARAGE DOORS™ SINCE 1936

A8949 UL REGISTERED FIRM ISO 9001

MARTIN DOOR MFG.

## PERIKLU ! ATTENZJONI

**DAN HU L-AKTAR BIEB BLA PERIKLU, U L-AĦJAR BIEB LI HAWN FID-DINJA. MADANKOLLU, INSTALLAZZJONI, AĠĠUSTAMENTI U MANUTENZJONI MINN NIES MHUX IMĦARRĠA JEW NEGLIĠENTI JISTGĦU JKUNU PERIKOLUŻI. IL-MOLOL U L-PARTIJIET RELATATI JISTGĦU JIKKAWŻAW KORRIMENT SERJU JEW MEWT!**

JEKK M'INTIX ĊERT/A, IKKUNTATTJA LIL XI AĠENT IMĦARREĠ TA' MARTIN DOOR

### MANUTENZJONI

- **Agħti ż-żejt liċ-ċappetti,** ix-xafts bir-romblu u l-kojls tal-molol kollha, billi tuża żejt tal-magna 10/40 ta' kwalità tajba. Agħti ż-żejt darba f'sena għal tħaddim mingħajr problemi. Tħallix partijiet iżaqżqu !
- **Illostra bix-xama'** darba f'sena t-tarf ta' quddiem tal-Protezzjonijiet għas-Subgħajn tal-bieb tal-metall jew ġol-ġojnts tat-taqsimiet tal-bieb ta' l-injam. Illostra wkoll il-Protezzjonijiet għall-Angoli bil-Maqlub jew il-koxox tal-bieb (fejn il-bieb jissiġilla waqt l-għeluq).
- **Meta meħtieġ,** uża biċċa drapp imxarrba kemm kemm biż-żejt biex timsaħ il-partijiet galvanizzati biex tgħin iżżomm dehra galvanizza nadifa. F'postijiet umdi jew imxarrbin, il-partijiet galvanizzati jista' jkollhom bżonn li jinżebgħu biex jiġi evitat is-sadid.
- **Żebgħa ta' l-irtokk** mhix rakkomandata fuq il-bibien ta' l-azzar. Aqra "It-Teorija taż-Żebgħa" fuq il-paġna ta' wara.
- **Meta meħtieġ,** naddaf it-trab, fdal tal-melħ, eċċ. mit-taqsimiet tal-bibien ta' l-azzar. Sustanzi li jnaddfu l-karozzi u lostru tax-xama' jistgħu jtejbu li huma d-dehra u jtawlu l-ħajja ta' żebgħa qadima jew bieb ta' l-azzar mitluq. Lostru bix-xama' jew żebgħa ta' sikwit jistgħu jkunu meħtieġa f'żoni umdi, li fihom hemm il-melħ jew korrożivi. Għal bibien ta' l-injam, ara l-paġna "NOTI DWAR BIBIEN TA' L-INJAM".
- **Naddaf** it-twieqi ta' l-akrilik bi drapp artab imxarrab. Neħħi l-brix fil-ħġieġa tat-tieqa ta' l-akrilik b'sustanza li tnaddaf ta' kwalità tajba għat-twieqi tal-plastik.

### APPARAT LI JIFTAĦ IL-BIBIEN (Nirrakomandaw Martin Door Openers)

- **Dejjem** aċċerta ruħek li tkun qed tara sewwa l-bieb tal-garaxx waqt li tkun qed tuża l-apparat elettriku li jiftaħ il-bieb.
- **Darba f'xahar** iċċekkja l-funzjoni awtomatika tar-rivers, billi ssegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur għall-apparat elettriku li jiftaħ il-bieb.
- **Martin** Doors huma ddisinjati biex inaqqsu r-riskju ta' qbid tahthom u l-feriment ta' tfal u adulti. Protezzjoni tar-Romblu, Protezzjonijiet tar-Romblu, Protezzjonijiet għas-Subgħajn, Ċappetti bi Profil Baxx, Protezzjonijiet għall-Angoli bil-Maqlub, Kejbils għall-Irfigħ minn Ġewwa, Truf ta' l-Azzar Mibrumin, eċċ., huma kollha magħmulin bl-iskop li ma jkunux ta' periklu għat-tfal.
- **Neħħi** l-ħbula kollha li bihom tiġbed il-bieb u iddiżattiva kwalunkwe mekkaniżmu li jsakkar tal-bieb tal-garaxx.
- **It-taqsima ta' fuq tal-bieb** għandu jkollha traversa matul it-tul kollu tagħha għal apparat li jiftaħ il-bibien li jkun immuntat fin-nofs. Apparati li jiftħu l-bibien li jkunu mmuntati fil-ġenb jista' ma jkollhom bżonn ta' traversa fuq bibien ta' daqs wieħed li għandhom wisa' ta' inqas minn 12'3" (3734mm).

### DĦAĦEN LI JAGĦMLU ĦSARA LIS-SAĦĦA

**TISSIĠILLAX** dan il-bieb kompletament kontra l-elementi! Ħalli l-arja tidħol skond ir-regolamenti lokali tal-bini.

**ATTENZJONI!** Livelli baxxi ta' dijossidu tal-karbonju fil-garaxx u fid-dar jistgħu jikkawżaw uġigħ ta' ras u sintomi bħal ta' l-influwenza. Ventilazzjoni addizzjonali tista' tkun meħtieġa biex tgħin ħalli jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa assoċjati ma' fjuwils kombustibbli u dħaħen li jagħmlu ħsara lis-saħħa.

### IŻOLAZZJONI

**L-iżolazzjoni** użata f'Martin Doors hi konformi mar-regolamenti lokali magħrufa kollha tal-bini. Kienet ittestjata u appovata mill-Omega Point Laboratories u tissodisfa l-istandard UBC-26-8 għat-tixrid ta' dħaħen u nirien. L-iżolazzjoni tista' titneħħa u tista' terġa tintuża, u dan jgħin lill-ambjent billi jitnaqqas l-iskart fil-miżbliet!

### TISWIJA TAT-TGĦATTIN (Bibien ta' l-Azzar)

It-taqsimiet regolari u dawk bl-iżolazzjoni ta' Martin huma kklasifikati fost l-aktar li huma reżistenti fid-dinja għat-tgħattin. Ma jeħtieġux iżolazzjoni magħquda magħhom għas-saħħa. Minħabba din il-kostruzzjoni unika, jista' ma jkunx meħtieġ li tibdel taqsima ta' bieb jew bieb sħiħ biex tevita d-dehra fit-tul ta' wiċċ bil-ħsara. Għat-tiswija tat-tgħattin ara paġna 18.

### GARANZIJA

**Il-Garanzija ta' Martin** tapplika għas-sid oriġinali. Hemm Garanzija Limitata Tul il-Ħajja għall-biċċa l-kbira tal-bibien residenzjali (limitata għal 12-sena fuq Montana). Hemm Garanzija Limitata għal Sitt Snin għal bibien kummerċjali u mikrija, u għal 5 snin għal bibien ta' l-injam. L-ispejjeż tat-trasport tal-partijiet għat-tibdil u tax-xogħol mhumiex inklużi. Il-molol għandhom limiti għaċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-użu tagħhom. *Nota: jekk tieħu ħsiebhom kif suppost u tagħmel il-manutenzjoni meta meħtieġ, il-Martin Doors kollha (ħlief il-molol) huma magħmulin b'tali mod li jservu għall-ħajtek kollha.* Ikkuntattja l-Aġent ta' Martin tiegħek għad-dettalji dwar il-garanzija sħiħa bil-miktub u l-limitazzjonijiet.

**Martin Door Manufacturing** Salt Lake City, Utah 84127-0437 U.S.A www.martindoor.com Stampat fl-Istati Uniti ta' l-Amerika 20m Copyright © 2004 **7/2004** AD-01IM-07

# MARTIN FINGER SHIELD™ SISTEMA TAL-BIEB TAL-GARAXX*

**•IMMUNTAR TAT-TAQSIMA TAS-SIGURTÀ •IMMUNTAR TAT-*TRACK* TAS-SIGURTÀ •IMMUNTAR TAL-MOLOL TAS-SIGURTÀ**

***TGĦIN BIEX IKUN EVITAT KORRIMENT PERMEZZ TAL-BIEB TAL-GARXX LIL TFAL U ADULTI**







COPYRIGHT © 2004 MARTIN DOOR